# Il-Każijiet Soċjali fl-Isptarijiet

Il-ħajja hija mixja mimlija stadji. Fit-tfulija nibdew niskopru d-dinja bl-għajnuna tal-ġenituri tagħna u min jieħu ħsiebna. Matul l-adoloxxenza u ż-żgħożija nkomplu niżviluppaw u nwittu t-triq tagħna għall-ħajja adulta. Kif naslu f'dan l-istadju, fil-maġġoranza tal-każijiet l-għanijiet ewlenin jkunu x-xogħol, l-familja u l-ħajja soċjali. Ħafna nies, ftit li xejn jaħsbu kif tista' tkun il-ħajja tagħhom hekk kif jirtiraw mix-xogħol. B'hekk kif bniedem jilħaq l-anzjanità jolqtuh bosta mistoqsijiet u inċertezzi dwar il-futur tiegħu.

Kull perjodu fil-ħajja tal-bniedem iġib miegħu għadd ta' diffikultajiet u ħsibijiet, li ġeneralment ikunu relatati mal-esperjenzi li jkun għadda minnhom u dak li jkun qed jiġri madwaru. Bidla fl-istil ta' ħajja li nkunu imdorrijin biha, solitudni, problemi ta' saħħa u forsi ankè finanzjarji, huma realtajiet li sfortunatament diversi anzjani qed jiffaċċjaw fis-soċjetà ta' madwarna. Dawn is-sitwazzjonijiet flimkien ma' bosta biżgħat oħra jibdew iżommuhom lura milli jagħmlu ċerti attivitajiet. Fattur ieħor li jaffettwa ħażin lill-anzjani huwa l-mewt tal-mara/raġel tagħhom, kif ukoll ta sħabhom. L-ewwel mistoqsija li tiġi f'rashom tkun: "Issa kif ser infendi waħdi?" Meta bniedem jilħaq ċertà età, u ma jibqgħax daqstant b'saħħtu daqs qabel, jibda jħossu aktar vulnerabbli u dipendenti fuq ħaddieħor.

## Abbandun u Solitudni

Fl-Isptar Mater Dei jidħlu bosta anzjani bl-iktar każijiet komuni jkunu ksur, qtugħ ta' nifs u problemi tal-qalb, fost oħrajn. Numru minn dawn il-każijiet ma jkollhomx biss problema medika, iżda jkollhom ukoll bżonnijiet soċjali. L-istaff tas-swali b'hekk jirreferu lil dawn l-anzjani għand is-*Social Work Unit* tal-Aġenzija Appoġġ, li hu bbażat ġewwa l-Isptar Mater Dei stess. Matul is-sena 2008, is-*Social Work Unit* ġewwa Mater Dei, ħadmet ma' 530 każ ġdid.

Is-*Social Work Unit* tal-Aġenzija Appoġġ tikkonsisti minn tim ta' tmien *social workers* professjonali, u *Service Area Leader* li joffru s-sapport tagħhom lil pazjenti rikoverati ġewwa l-Isptar Mater Dei. Dawn il-pazjenti jinkludu nisa li qed jistennew tarbija u li jkunu qed jaffaċċjaw xi tip ta' diffikultà, vittmi ta' vjolenza domestika, tfal vittmi ta' abbuż, kif ukoll anzjani.

Il-ħidma tal-Aġenzija Appoġġ ma' dawn l-anzjani tvarja. Is-*social workers* jiltaqgħu ma' anzjani li jkunu għadhom kemm għaddew minn interventi li żgur jibdlulhom l-istil ta' ħajja li kienu jgħixu qabel. Eżempji huma *by-pass* kif ukoll interventi fejn kellha titneħħa xi parti mill-ġisem bħal xi id jew sieq. Bla dubju, dawn l-anzjani jkollhom biżgħa kbir fuqhom dwar kif ser jirnexxilhom ikomplu jgħixu l-ħajja ta' kuljum meta jmorru lura d-dar speċjalment jekk il-membri tal-familja jkunu warrbuhom u ħallewhom ifendu għal rashom. Is-*social worker*, minbarra li jagħti sapport emozzjonali lil dawn il-pazjenti, jaħdem ukoll id f'id mal-membri l-oħra tal-familja biex tinstab soluzzjoni. Isiru wkoll *home visits* fid-djar tal-anzjani fejn jiġi evalwat l-ambjent tad-dar u jinstabu soluzzjonijiet dwar x'jista' jsir

biex tiġi faċilitata l-mobbiltà tal-anzjan/a. Dan kollu isir waqt li dejjem jinżamm il kuntatt mal-istaff mediku, bħal tobba, infermieri, *occupational therapists*, *physiotherapists* eċċ.

Sfortunatament, is-*social workers* tal-Agenzija Appogg jiltaqgħu wkoll ma' każijiet fejn l-ulied jabbużaw mill-ġenituri anzjani. Dawn l-abbużi jinkludu abbuż fiżiku, emozzjonali, jittieħdulhom il-flus kollha tant li dawn ma jkollhomx biex jixtru l-affarijiet bażiċi tagħhom u mediċini kif ukoll jitħallew waħidhom meta jkollhom bżonn is-sapport, fost l-oħrajn. F'dawn il-każijiet isiru interventi sabiex dan l-abbuż jieqaf kif ukoll tingħata għajnuna lill-anzjani biex isibu akkomodazzjoni oħra fejn ikun hemm bżonn. Ta' min jifhem li dawn l-anzjani apparti li jkunu mbeżżża' minn uliedhom, isibuha diffiċli ferm jirrapurtaw lil uliedhom stess. B'hekk ħafna minnhom jippreferu jkomplu jsofru fis-silenzju.

Is-*Social Work Unit* tibqa' ssegwi lil dawn l-anzjani għal madwar xahar, minn meta jidħu għall-kura fl-isptar, u jibqgħu jiġu segwiti ankè wara li jintbgħatu lura d-dar. Jekk ikun hemm bżonn, l-anzjani jiġu riferuti għal servizzi oħra aktar speċjalizzati fejn ikunu jistgħu jirċievu aktar sapport. Issir ukoll kollaborazzjoni mad-Dipartiment tal-Anzjani fejn ikun meħtieġ. Is-*social workers* jaħdmu mhux biss sabiex jiffaċilitaw il-perjodu li l-anzjani jqattgħu rikoverati fl-isptar, iżda jassiguraw li dawn ikunu komdi meta jerġgħu lura għal ħajja tagħhom ta' kuljum.

**Sapport ieħor**

Servizz ieħor li jingħata mis-*Social Work Unit* tal-Aġenzija Appoġġ huwa dak ta Benniena. Benniena joffri sapport emozzjonali u soċjali lil dawk in-nisa li jkunu qed jistennew tarbija u li jkunu għaddejjin minn xi diffikultajiet. Huma jiġu riferuti mis-swali tal-Ginekologija u jistgħu jinkludu każijiet fejn l-omm tabbuża minn xi sustanza, meta l-omm għadha minuri, u / jew meta l-omm hija vittma ta' vjolenza domestika, fost sitwazzjonijiet kritici oħrajn. Is-*social workers* jiltaqgħu wkoll ma' każijiet ta' dipressjoni wara t-twelid tat-tarbija.

Il-ħidma li titwettaq f'dan il-qasam tinkludi lill-membri kollha tal-familja, biex tinħoloq aktar sinerġija bejniethom kif ukoll jiġu preparati biex jilqgħu membru ġdid. F'każijiet fejn l-omm tabbuża minn xi tip ta' sustanza, is-*social workers* jaħdmu b'kollaborazzjoni ma' entitajiet oħra speċjalizzati fil-qasam tal-abbuż bħall-Aġenzija Sedqa, dejjem għal ġid kemm tat-tarbija kif ukoll tal-omm. F'każijiet fejn l-omm għadha minuri, din tingħata s-sapport meħtieġ biex hija tagħti l-aħbar lill-ġenituri tagħha, issir ħidma tul it-tqala mal-membri kollha familja kif ukoll mal-missier kif ukoll tingħata gwida skond in-necessità.. L-omm tiġi wkoll mgħarrfa dwar il-ħajja ġdida li ser ikollha wara t-twelid tat-tarbija,

Is-*Social Work Unit* ma tinsabx biss fl-Isptar Mater Dei. L-Aġenzija toffi servizz ta' *social work* f'oqsma oħra tas-saħħa fosthom l-Isptar Boffa, ir-Residenza San Vincenz de Paule u ċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Ħal Qormi. Għal aktar informazzjoni wieħed jista' jżur is-sit www.appogg.gov.mt jew iċempel fuq 2545 5570.